C/2024/7265

29.11.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' persuna soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 u fl-Anness Ia tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

(C/2024/7265)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tas-Sur Choguel MAÏGA (nru 3), persuna li tidher fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 [1] u fl-Anness Ia tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1770 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuna msemmija hawn fuq b'dikjarazzjoni tar-raġunijiet emendata. Din il-persuna hija b'dan infurmata li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill biex tikseb id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet prevista għad-dežinjazzjoni tagħha, **qabel is-7 ta' Diċembru 2024**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1 Horizontal and Global Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

[1] ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23.
[2] ĠU L 251, 29.9.2017, p. 1.